MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2003

Numru 403/2003

**vs**

**PETER GRIMA**

**Illum, 19 ta' Mejju, 2003**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Peter Grima ta' 22 sena iben Joseph u Doris xebba Vella mwieled Pieta nhar 1 ta' Settembru 1981, residenti No. 16, Marsa Road, Marsa u detentur tal-karta ta' l-identita 547681M gie akkuzat:

B'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu maghmula b'rizoluzjoni wahda

a) Talli fil-lejl ta' bejn 13 ta' Frar 2002 u l-14 ta' Frar 2002, gewwa Triq il-Marsa, Hamrun, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom flus u xorb alkaholiku minn gewwa l-fond Hamrun Pigeon Club, liema serq hu kwalifikat, bil-hin, mezz, u valur li jaccedi l-Lm100 (mitt lira Maltin) u li sar ghad-detriment ta' Busuttil Brian

b) talli fil-lejl ta' bejn l-20 ta' Novembru 2002 u l-21 ta' Novembru 2002, gewwa Triq Assunta, Marsa ikkommetta serq ta' stereo tal-marka Pioneer u oggetti, minn go vettura Mercedes bin-numru ta' registrazzjoni JAH 764, liema serq hu kwalifikat, bil-hin, xorta tal-haga misruqa, mezz u valur li jaccedi il-Lm100 (mitt lira maltin) u li sar ghad-detriment ta' Gauci Gaetan

c) talli fil-lejl ta' bejn l-1 ta' Dicembru 2002 u l-2 ta' Dicembru 2002, gewwa Triq Bajjada, Marsa ikkommetta serq ta' CD stereo tal-marka Pioneer u oggetti ohra, minn go vettura Toyota bin-numru ta' registrazzjoni EBG 157, liema serq hu kwalifikat, bil-hin, xorta tal-haga misruqa, mezz u valur li jaccedi il-Lm100 (mitt lira maltin) u li sar ghad-detriment ta' Refalo Clint

d) Talli fil-lejl ta' bejn 16 ta' Dicembru 2002 u l-17 ta' Dicembru 2002, gewwa Triq Spinola, San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom xorb alkaholiku minn gewwa l-fond Spinola Store, liema serq hu kwalifikat, bil-hin, mezz u valur li jaccedi l-Lm100 (mitt lira Maltin) u li sar ghad-detriment ta' Caruana Joseph

e) Talli fil-lejl ta' bejn 3 ta' Dicembru 2002 u l-4 ta' Dicembru 2002, gewwa Triq Spinola, San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom xorb alkaholiku minn gewwa l-fond Spinola Store, liema serq hu kwalifikat, bil-hin, mezz, u valur li jaccedi l-Lm100 (mitt lira Maltin) u li sar ghad-detriment ta' Caruana Joseph

f) Talli fil-lejl ta' bejn 3 ta' Jannar 2003 u l-4 ta' Jannar 2003, gewwa Triq Spinola, San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom xorb alkaholiku minn gewwa l-fond Spinola Store, liema serq hu kwalifikat, bil-hin, mezz, u valur li jaccedi l-Lm100 (mitt lira Maltin) u li sar ghad-detriment ta' Caruana Joseph

g) talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara hija izjed minn hamsin lira maltin izda anqas minn hames mitt lira maltin u li sar ghad-detriment ta' diversi persuni.

h) Talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat l-atti kollha u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok SV1 u nnutat li l-imputat ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi a), b), c), d), e), f) u g).

Innutat ukoll li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-seduta ta' llum li nkwantu ghal akkuza h), din l-akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghal akkuzi a) sa f) u ghalhekk talab lil Qorti li tastjeni li tiehu aktar konjizzjoni ta' din l-akkuza.

Il-Qorti wissiet lil istess imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenza legali ta' din it-twegiba ta' ammissjoni tal-imputat u ghal fini li tigi segwita il-procedura korretta tat lil imputat Peter Grima ftit taz-zmien biex jekk irid jerga lura mill-ammissjoni tieghu rigward l-akkuzi a), b), c), d), e), f) u g). Fuq mistoqsija tal-Qorti, jekk l-imputat irridx jikkonferma l-ammissjoni tieghu jew

jirtirha, l-imputat wiegeb li qed jammetti l-akkuzi mill- a) sa g).

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara wkoll fil-Verbal tas-seduta ta' llum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261(b), (c), (f) u (g), 263, 270, 271(g), 278(3), 279, 280, 281(b) u 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Peter Grima, fuq ammissjoni, hati ta' l-akkuzi a), b), c), d), e), f) u g) u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz ikluzi l-eta' tal-imputat, il-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Peter Grima ghall-piena komplessiva ta' sentejn prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba (4) snin millum l-imputat Peter Grima jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inkwantu ghall-akkuza h), il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza, stante li din l-akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-akkuzi a), b), c), d), e) u f).

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Peter Grima l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------